32000R2857

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2857/2000
tas-27 ta' Diċembru 2000
li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1279/98, (KE) Nru 1128/99, (KE) Nru 1247/1999 u (KE) Nru 2335/2000 bħala riżultat tal-konċessjonijiet magħmula fir-rigward ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u tal-vitella taħt ċerti kwoti ta' tariffa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1727/2000 tal-31 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewropew ma' l-Ungerija [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000 tad-9 ta' Ottubru 2000 li jistabblixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewropew mal-Bulgarija [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2433/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewopew mar-Repubblika Ċeka [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2434/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewropew mar-Repubblika Slovakka [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2435/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewropew mar-Rumanija [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2851/2000 tat-22 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provdut għalihom fil-Ftehim Ewropew mal-Polonja u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3066/95 [7], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) miġjub fih,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1727/2000, (KE) Nru 2434/2000, (KE) Nru 2435/2000 u (KE) Nru 3851/2000 jipprovdu għal konċessjonijiet ġodda fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u l-vitella taħt il-kwoti ta' tariffa miftuħa bil-Patti ta'Ftehim Ewropew ma' l-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, Ir-Rumanija u l-Polonja. Dawn il-konċessjonijiet ġodda jirrelataw għannatura u/jew kwalità tal-prodotti u/jew ir-rata preferenzjali tad-dazji doganali. Jidħlu fis-seħħ ta' l-1 ta' Lulju 2000 fil-każ ta' l-Ungerija, l-Islovakkja u r-Rumanija u fl-1 ta' Jannar 2001 fil-każ tal-Polonja.

(2) Sabiex ikun permess li jiġu introdotti l-konċessjonijiet il-ġodda, huwa għalhekk meħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti implimentattivi tal-Kummissjoni li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1279/98 tad-19 ta' Ġunju 1998 li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex japplikaw il-kwoti tat-tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li hemm provdut għalihom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 għar-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Bugarija u r-Rumanija [8],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1128/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa għal għoġġiela li ma jiżnux aktar minn 80 kilogramma li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi [9],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1247/1999 tas-16 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa għal annimali bovini ħajjin li jiżnu bejn 80 u 300 kilogramma u li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi [10],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 2335/2000 ta' l-20 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi il-perċentwal ta' kwantitajiet li jistgħu jiġu permessi fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' importazzjoni mibgħuta f'Ottubru 2000 taħt il-kwoti ta' tariffa għaċ-ċanga u vitella li hemm provdut għalihom fir-Regolament (KE) Nru 1279/98 għar-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija [11].

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.
([2]) ĠU L 198, ta' l-4.8.2000, p. 6
([3]) ĠU L 262, tas-17.10.2000, p. 1.
([4]) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 1.
([5]) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 9.
([6]) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 17.
([7]) Ara paġna 7 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([8]) ĠU L 176, ta' l-20.6.1998, p. 12.
([9]) ĠU L 135, tad-29.5.1999, p. 50.
([10]) ĠU L 150, tas-17.6.1999, p. 18.
([11]) ĠU L 269, tal-21.10.2000, p. 17.

(3) Il-ħlas lura ta' dazji ta' l-importazzjoni fuq prodotti elenkati fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1279/98 kif eżistew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mpurtati taħt il-liċenzi wżati mill-1 ta' Lulju 2000 jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikoli 878 sa 898 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jippreskrivi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Kummissjoni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2787/2000 [2].

(4) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1279/98 huwa emendat kif ġej:

1. It-Titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1279/98 tad-19 ta' Ġunju 1998 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tat-tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li hemm provdut għalihom fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1727/2000. (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000, (KE) Nru 2434/2000, (KE) Nru 2435/2000 u (KE) Nru 2851/2000 għar-Repubblika ta' l-Ungerija, Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja".

2. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom jiġu ppresentati għall-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I hawn mehmuż taħt il-kwoti li hemm provdut għalihom fir-Regolamenti (KE) Nru 1727/2000, (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000, (KE) Nru 2434/2000, (KE) Nru 2435/2000 u (KE) Nru 2851/2000.

Il-kwantitajiet ta' prodotti importati kull sena taħt dawk l-arranġamenti u r-rati preferenzjali ta' dazju doganali għandhom ikunu dawk imniżżla fl-Anness I hawn mehmuż."

3. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1)(ċ) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"'Gruppi ta' prodotti' ifisser prodotti li joriġinaw f'pajjiż wieħed biss minn dawk elenkati fl-Anness I; grupp ta' prodotti għandu jkopri l-prodotti li jikkorrispondu għall-kodiċi NM 0201 u 0202, jew il-prodotti li jikkorrispondu mal-kodiċi NM 1602 50 31, 1602 50 39 u 1602 50 80 li joriġinaw fir-Rumanija, jew il-prodotti li jikkorrispondu mal-kodiċi NM 1602 50 li joriġinaw fil-Polonja;"

4. L-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Minkejja l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, il-kaxxa 16 ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzi u l-liċenzi għandhom juru wieħed mill-gruppi NM li jinsabu fl-istess inċiż:

— 0201, 0202,

— 1602 50 31, 1602 50 39, 1602 50 80,

— 1602 50."

5. L-Anness I huwa sostitwit bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) No 1128/1999 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-kwantità msemmija fil-paragrafu 1, ir-rata ta' dazju doganali għandha tkun:

— imnaqqsa bi 80 % fil-każ ta' annimali li joriġinaw fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja,

— titnaqqas b'90 % fil-każ ta' annimali li joriġinaw fil-Polonja."

Artikolu 3

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) No 1247/1999 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-kwantità msemmija fil-paragrafu 1, ir-rata ta' dazju doganali għandha tkun:

— imnaqqsa bi 80 % fil-każ ta' annimali li joriġinaw fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja,

— titnaqqas b'90 % fil-każ ta' annimali li joriġinaw fil-Polonja."

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) No 2335/2000 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1279/98 li jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2001 għandhom jammontaw għal:

(a) ċanga u vitella li jaqgħu fil-kodiċi NM 0201 u 0202:

— 4651,25 tunnellata metrika għall-laħam li joriġina fl-Ungerija,

— 2425,00 tunnellata metrika għall-laħam li joriġina fir-Repubblika Ċeka,

— 2625,00, tunnellata metrika għall-laħam li joriġina fis-Slovakkja,

— 187,50, tunnellata metrika għall-laħam li joriġina fil-Bulgarija;

(b) 5 000 tunnellata metrika għaċ-ċanga u l-vitella li jaqgħu fil-kodiċi NM 0201 u 0202 li joriġinaw fil-Polonja jew 2336,448 tunnellata metrika għal prodotti proċessati li jaqgħu fil-kodiċi NM 1602 50 li joriġinaw fil-Polonja;

(ċ) 1 850 tunnellata metrika għal prodotti ta' ċanga u vitella li jaqgħu fil-kodiċi NM 0201, 0202, 1602 50 31, 1602 50 39 u 1602 50 80 li joriġinaw fir-Rumanija."

[1] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[2] ĠU L 330, tas-27.12.2000, p. 1.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2000 għall-importazzjonijiet ta' ċanga u vitella li joriġinaw fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja. L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2001 għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' ċanga u vitella li joriġinaw fil-Polonja.

L-Artikoli 2, 3 u 4 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, fis-27 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"L-ANNESS I

L-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodotti li ġejjin għandhom jiġu intitolati għall-konċessjonijiet deskritti hawn taħt

(MFN = dazju applikabbli lill-aktar pajjiżi favoriti)

Pajjiż ta' Origini	Nru tas-Serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni:	Rata ta' dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantità annwali mill-1.7.2000 sat-30.6.2001 (tunnellata-timetriċi)	Żieda annwali mill-1.7.2001
Ungerija	09.4707	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	11 375	1 140
Polonja	09.4824	0201 0202 1602 50	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Laħam ieħor preparat jew ippreservat, skart tal-laħam jew demm: — annimali bovini (1)	Mingħajr ħlas	16 000	1 600
Repubblika Ċeka	09.4623	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	3 500	0
Slovakkja	09.4624	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	3 500	0
Rumanija	09.4753	0201 0202 1602 50 31 1602 50 39 1602 50 80	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Laħam ta' annimali bovini ippreparat jew ippreservat	Mingħajr ħlas	2 500	250
Bulgarija	09.4651	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	250	0

(1) Koeffiċjent għall-konverżjoni f'laħam frisk = 2.14.